**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL**

**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 63

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 63 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 25 ta'April 2023, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut — 18 ta'April, 2023
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Online

- Alfred Bray — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Anne Marie Fenech — Kunsillier

Skużati

- Mario Joseph Salerno — Kunsillier

Assenti

- Anthony Angelo Attard — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**63.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill irċieva nota ta'apoloġija mingħand il-Kunsilliera Mario Salerno

**63.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti -** *Laqgħa numru (61, 62)*

Il-minuti laqgħat 61 u 62 ġew meħuda bħala moqrija
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti kif tressqu.
Il-Kunsillier Paul Bugeja issekonda l-mozzjoni.
Il-minuti tal-laqgħa 61 u 62 ġew approvati kif tressqu nem.con.

**63.3 Punti mill-Minuti**

- **SSCS services – Servizz ta' knies fil-lokalita'**

  Il-kuntrattur reġa kieteb lill-kunsill fejn indika biex itemm is-servizz li joffri mingħajr inkonvenjent għall-lokalita'.

  11 ta' April 2023 - Il-kunsill kiteb lis-CMD biex jara x'possibilita hemm li s-servizz jiġi offrut minhom fejn se tiġi skedata laqgħa meta d-Direttur Ġenerali jidħol lura għax-xogħol.

- **Ħajt imġarraf fi Triq San Ġorġ**

  Il-kunsill ġie nfurmat li dwar il-ħajt imġarraf fi Triq San Ġorġ l-istima biex jitneħħa l-perikolu mill-ħaddiema ta' CMD hi €1,196.8 + Vat. Magħhom irid jiżdied ammont konsiderevoli ta' finanzi biex jitwettaq il-Method Statement iddettat mill-perit.

- **Kumitat Festa San Pawl il-Baħar**

  Il-Kunsill approva r-rikjesta mressqa mill-Kumitat Festa biex isiru toqob ġodda għan-nar tal-festa. Hemm ħtieġa, li l-kunsill javża lil tal-kjosks li s-soltu jarmaw għall-festa dwar li l-parkeġġi fejn is-soltu jarmaw se jitressqu kaġun tal-logħob tan-nar.

**63.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

- **Bye-Law – Użu ta' parkeġġ Kulleġġ Marija Reġina, Qawra**

  Il-kunsill approva nem.con l-emendi segwenti:

  1. Irmonk u Klampjar - Il-kunsill approva dak propost.
  2. Klampjar u rimozzjoni ta' vetturi bil-mutur - Il-kunsill approva dak propost.
  3. Klawsola 6 tal-Bye-Laws - Il-kunsill approva li l-klawsola tinqara hekk;

  *"Ebda applikazzjoni mibgħuta skont l-ordinament 4.1 m'għandha tiġi aċċettata jekk l-applikant ma jkollux ID card fuq San Pawl il-Baħar irreġistrata f'ismu.*

  4. Klawsola 6.2 tal-Bye-Laws - Il-kunsill approva li l-klawsola tinqara hekk;

  "*li l-Awtoriżżazzjoni tinħareġ fuq resident, għal parkeġġ wieħed, b'vettura li trid tkun irrġeistrata f'ismu u li tagħha jrid jiġi ppreżentat logbook".*

  5. Klawsola 6.4 - Il-kunsill approva dak proposte.
  6. Klawsola 7 – Nota ta' kjarifika.

     *Il-ħlas ta' €10 hija tariffa li tagħmel tajjeb għal spejjeż abbinati ma l-applikazzjoni.*

7. Re-klawsola 9.2 - Il-kunsill approva dak propost.
8. Re-klawsola 9.3 - Il-kunsill approva li jiżdied is-segwenti;

   *Meta applikant iħossu aggravat minn deċiżjoni meħuda mill-Amministratur, dan jista' jappella minn dik id-deċiżjoni billi, jikteb formalment lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u jressaq l-argumenti tiegħu, sa mhux aktar tard minn xahar (calendar month) mir-rifjut ta' l-applikazzjoni.*

   *Il-Bord għandu xahar żmien sabiex isejjaħ lill-ilmentatur quddiemu u xahar ieħor biex l-ilment jiġi rrispondut. Id-deċiżjoni tal-Kunsill tkun finali.*

9. Re-klawsola 9.2 - Il-kunsill approva dak propost u qed jissuġġerixxi s-segwenti;

   *Huwa totalment ipprojbit kwalsiasi atteġjatament, komportament u/jew attitudni li tkun tikkunfliġġi mal-policies eżistenti tal-Iskola u f'każ li jirriżulta tali aġir, dan jassoġettak għall-multa/ammenda kif ukoll sospensjoni/irtirar tal-awtorizazzjoni.*

- **Go Pls – Open Spaces**

  Il-proposta relatata ma proġetti għal enerġija nadifa mressqa minn Go Plc ġiet innutata mill-kunsill.

- **Proġett manutenzjoni gallarija Triq San Franġisk**

  Konsegwenza ta' aċċident b'vettura saru ħsarat fix-xogħolijiet ta' manutenzjoni li qed isiru. Sar rapport l-Għassa tal-Qawra.

- **Ħsarat f'wiċċ diversi toroq kaġun ta' xogħolijiet tal-WSC**

  Is-Sindku Alfred Grima nforma, li fetaħ diskussjonijiet ma WSC bil-għan li l-entita' inkwistjoni tagħmel tajjeb b'xi mod għal ħsarat ikkaġunati minn xogħolijiet li saru tul is-snin.

**63.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa lis-Sindku;

1. Tista jekk jogħġbok tagħti dettalji ta' kemm ħinijiet l-Contracts Manager għamel fl-uffiċċju amministrattiv, min meta ġie invoga l-kuntratt sa llum 21 ta' April 2023?
   Risposta: L-informazzjoni mogħtija mill-Contracts Manager ma tispeċifikax l-ammont ta' ħin.
2. Il-Kunsill qiegħed iżomm rekord tal-ħinijet li suppost qed jagħmel il-Contracts Manager?
   Risposta: Mhux magħruf li l-Uffiċċju Amministrattiv qatt żamm rekords simili.
3. Tista tinfurmana kemm ħin huwa obbligat li jagħmel fl-Ufficcju Amministrattiv skond il-kuntratt iffirmat bejn iż-żewg partijiet?
   Risposta: Ma hemm xejn fil-kuntratt li jobbliga lill-Contracts Manager li jattendi siegħat speċifiċi fl-uffiċċju tal-kunsill.

   Kien hemm qbil li dan is-suġġett jitla fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss.

**63.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

*Tender Servizz Legali SPB/T/01/2022*

Il-kunsill irċieva 5 offerti li kollha kienu konformi ma dak rikjest. L-irħas offerta kienet ta' Dr.AC għal-prezz ta' €6,000 għal 4 snin. Il-Bord ta' l-Aġudikazzjoni ppropona li s-servizz jiġi mogħti minn min tefa' l-irħas offerta.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex ir-rakomandazzjoni tal-Bord tiġi approvata.
Issekonda l-mozzjoni l-Viċi Sindku Carlos Zarb.
Il-kunsill approva nem.con

**63.7** Mozzjoni – Percussion Exhibits

Il-kunsill approva nem.con il-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Paul Bugeja ssekondata mis-Sindku Alfred Grima biex il-Percussion Exhibits jinqalaw minn Ġnien il-Millenju.

**63.8 Provvista ta' servizzi għall-impjieg ta' ħaddiema temporanji**

Il-kunsill approva nem.con li tinħareġ sejħa pubblika għall-xiri ta' servizz għall-impjieg ta' ħaddiema temporanji u/jew f'każi ta' emerġenza, sabiex jiġu koperti l-ħtiġijiet tax-xogħol marbuta ma l-indafa, manutenzjoni u/jew xogħolijiet simili. Il-mozzjoni tressqet mill- mis-Sindku Alfred Grima u ġiet issekondata mill-Kunsillier Chris Vella Petroni.

**63.9 Pagamenti/Dħul pendenti – Leġislaturi preċidenti**

a. Grima & Sons: Il-kunsill approva ħlas ta'€2,175 wara li ġie kkonfermat li x-xogħol rikjest fi Triq il-Klamari kien sar. Irid jitnaqqas il-ħlas ta'€598.52 li sar.

b. Bonnici Group: Il-kunsill qabel li €775 pagament għandu jitqies preskritt fejn l-aħħar rikjesta waslet fl-2016.

c. Next Bike Malta: Il-kunsill qabel li €2,895 pagament għandu jitqies preskritt fejn l-aħħar rikjesta waslet fl-2020 u għaliex il-kumpanija rtirat mill-pajjiż.

d. Sijon Ironmongery: Il-kunsill approva l-ħlas ta'€838.24 wara li ġie kkonfermat li l-prodotti għaddew għand il-kunsill. Irid jitnaqqas kwalunkwe ħlas li seta sar.

e. Bobby Tattoo Studio: Kaġun li d-dejn ilu dovut mill-2013 u li n-negozju għadda f'idejn sidien ġodda, il-kunsill qabel li l-bilanċ ta'€465.88 għandu jiġi meqjus bħala dejn ħażin.

f. Empire Cinema: Il-kunsill qabel li l-bilanċ ta' €172 ma għandux jitħallas għall-fatt li ġie stabbilit li l-istabiliment ilu ma jopera mill-2019.

g. Dipartiment ta' l-Edukazzjoni: Kaġun li ma nstab l-ebda ftehim formali bejn iż-żewġ naħat, il-kunsill iddeċieda li l-bilanċ ta'€3,676.46 dovuti lill-kunsill mill-leġislatura preċidenti, għandhom jiġu meqjusa bħala dejn ħażin.

h. Quattro Fratelli: Il-kunsill qabel li l-bilanċ ta' €171.55 ma għandux jitħallas għall-fatt li ġie stabbilit l-istabiliment ilu ma jopera mill-2019.

i. J.S invoice 1268: Il-kunsill qabel li l-bilanċ ta' €112.10 għandu jiġu meqjus bħala dejn ħażin għall-fatt li ma jidhirx li hemm bażi legali għar-rikjesta ta' dan il-ħlas.

j. Watercolours Rest: Il-kunsill qabel li l-bilanċ ta' €343.67 ma għandux jitħallas għall-fatt li ġie stabbilit l-istabiliment ilu ma jopera mill-2019.

k. Sunsource & Co: Kaġun li d-dejn ilu dovut mill-2013, il-kunsill qabel li l-bilanċ ta'€360 dovut lill-kunsill għandu jiġi meqjus bħala dejn ħażin.

**63.10 Affarjiet Oħra**

***63.10.1. Rikjesta – Maypole***

Il-kunsill qabel nem.con mad-disinn propost imressaq mill-kumpanija Maypole biex l-inħawi ta' l-ex Cherry Tree tiġi ddisinjata mill-ġdid. B'hekk, l-akkwati jingħataw dehra isbaħ u jinħolqu parkeġġi ġodda. Ix-xogħolijiet għandhom isiru għas-spejjes tal-kumpanija, wara li jinġibu l-permessi kollha neċessarji. Is-Siġar eżistenti għandhom jiġu rilokati f'post maqbul mall-kunsill.

***63.10.2. Proposti mressqa mill-Kunsill Lokali Mellieħa***

1. *Li tiġi eliminata l-pelican crossing ta' qrib Triq in-Nawfraġju f'Telgħet ix-Xemxija, kaġun li qed jinħoloq konġezzjoni ta' traffiku.*

   Il-Kunsill Lokali SPB ma qabilx mal-proposta mressqa għaliex din tnaqqas faċilita' eżistenti li qeda hemm biex tgħin tissaħħaħ is-sigurta tal-persuna fit-toroq.

2. *Li jiġu nstallat bollards ix-Xatt tal-Pwales, sabiex vettura ġejja mill-Mellieħa jkollha tipproċedi sar-roundabout ta' qrib il-Ġnien Olimpiku biex tidħol tipparkja fil-parkeġġ. bhekk jiġi eliminat il-qsim frekwenti ta'vetturi.*

   Ma nstabx qbil mal-proposta minħabba li żżid t-traffiku mar-roundabout. .

3. *Li jsiru dwal tat-traffiku attivati b'sensor għall-vetturi ħirġin mill-junction ta' Triq il-Mistra għat-triq arterjali. Bhekk filwaqt li jiġi ffaċilitat il-ħruġ jitnaqqas il-perikolu.*

   Il-Kunsill Lokali SPB qabel mal-proposta kemm il-darba li ssir prova ta' 3 xhur u li s-sistema tkun attivata *b'sensor*

4. *Li jitwaħħlu tabelli taħt il-pont tal-Mistra li jimpedixxu vetturi milli joħorġu fuq it-Triq arterjali minn naħa tal-Flour Mill u bhekk jitnaqqas il-perikolu u l-ostakolu għat-traffiku.*

   Il-Kunsill Lokali SPB qabel mal-proposta mressqa.

***63.10.3. Rikjesta għar-restrizzjoni ta' vetturi Triq Burmarrad***

Il-kunsill laqa rikjesta mressqa mill-pulizija għar-restrizzjoni tal-ħruġ ta' vetturi mill-parkeġġ ta' fejn is-supermarket fi Triq Burmarrad.

***63.10.4. Installazzjoni ta' Zebra Crossings ġodda***

Il-kunsill ma laqax rikjesta mressqa biex fi Triq it-Trunċiera jiżdiedu żewġ Zebra Crossings ġodda meta diġa hemm applikazzjoni pendenti biex tiżdied oħra qrib il-pearched beach u fl-imsemmieha parti tat-triq hemm 2 oħra.

***63.10.5. Triq it-Tamar***

Tressqet rikjesta biex parti minn Triq it-Tamar issir one-way. Il-kunsill qabel li jistenna l-eżodu tal-laqgħa li se tinżamm nhar l-4 ta' Mejju 2023 dwar traffic management.

***63.10.6. Ħadid (railing) fi Triq San Pubbliju kantuniera ma Triq San Franġisk***

Tqajjem il-punt, li l-proġett fi Triq San Pubbliju, kantuniera ma Triq San Franġisk, inkluż il-ħadid (railing), sa issa baqa ma nbidilx. Dan minkejja li għaddew diversi snin minn meta MTA qablet li tagħmel tajjeb finanzjarjament.

Il-kunsill qabel li jagħti sa mhux aktar minn l-aħħar ta' Mejju 2023 biex tinħareġ is-sejħa pubblika. Altrimenti, il-kunsill joħroġ sejħa pubblika għal bdil tal-ħadid u l-bankijiet hu.

**63.11 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizz.**

Il-kunsill approva li jiġu ordnati 100 Fineline għal żmien il-Milied.

**63.12 Approvazzjoni ta’ l-Iskeda tal-pagamenti numru 4**

Il-Kunsilliera Paul Bugeja u Antoinette Bezzina ipproponew u s-sekondaw rispettivament l-iskeda tal-pagamenti. L-iskeda 4 ġiet approvata mill-kunsill nem.con.

**63.13 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-20.15 hrs u aġġornata għat-Tlieta 23 ta’ Mejju 2023 fil-17.30 hrs.

**Approvati fit-23 ta’ Mejju, 2023**

| | |
|---|---|
| Alfred Grima<br>Sindku | Marico Sammut<br>Segretarju Eżekuttiv |